Ref: Seduta 19_5/08/10 VI (li tkompliet fid-22/09/10)

# MINUTI TAD-DSATAX-IL SEDUTA

**Id-dsatax-il seduta** tal-5 ta' Awwissu 2010 tas-Sitt Kunsill Lokali Tas-Sliema tkompliet l-**Erbgħa 22 ta' Settembru 2010** fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti għas-seduta kienu:**

**Sindku:** **Johanna Gonzi**

**Kunsilliera:** **Marianne Aquilina**
**Yves Cali'**
**Sandra Camilleri**
**Edward Cuschieri**
**Martin Debono**
**Cyrus Engerer**
**Julian Galea**
**Nicolai Gauci**
**Patrick Pace**

**Segretarju Ezekuttiv:** **Svetlana R. Curmi**
**Ufficjal:** **Althea Borg**

**Assenti:** **Nikki Dimech**

Is-Sindku Johanna Gonzi ppresiedet.

Is-Seduta bdiet fil-5.37 ta' filghaxija b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 18_19/05/10VI
2. Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta b'urġenza 29/07/10VI
3. Materji konnessi mal-minuti
4. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv
5. Approvazzjoni tal-pagamenti
6. *Tender* Servizz ta' Perit
7. *Tender* ta' Xogħlijiet Żgħar
8. Mistoqsijiet mill-kunsilliera
9. Affarijiet Oħra



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

***Nota**: Il-kunsill kellu jkompli jiddiskuti l-korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku.*

**3. Komunikazzjonijiet u korrispondenza mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv.**

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ġiet ippreżentata mozzjoni mill-Kunsillier Nicolai Gauci biex il-Kunsillier Cyrus Engerer ma' jinħatarx Viċi Sindku. (Doc A anness)

3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi din il-mozzjoni qed titlob li jinħatar Vici Sindku l-Kunsillier Edward Cuschieri. Ir-raguni ghal dan hija n-nuqqas ta' esperjenza tal-Kunsillier Engerer.

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi skont il-ligi hu l-Kunsillier Cyrus Engerer li jinħatar Viċi Sindku minħabba li hu jagħmel parti mill-partit li għandu l-iżjed kunsilliera fil-Kunsill kif ukoll li hu kien il-Kunsillier li ġab l-aktar voti fl-elezzjoni wara Dr Gonzi.

3.4 Il-Kunsillier M. Debono qal li dan ma setax jiġi diskuss għaliex ma kienx fuq l-aġenda tas-seduta, u l-Kunsillier M. Aquilina qabel ma dan.

3.5 Is-Sindku qalet li l-ħatra hija awtomatika u ghalhekk ma kienx hemm bzonn li tkun bhala item fuq l-agenda pero li din kellha ssir anke biex il-Kunsill ikun jista jibda jiffunzjona kif suppost.

3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill ircieva korrsipondenza mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar il-hatra tal-Vici Sindku.

3.7 Il-Kunsillier N. Gauci staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv biex tispjega l-korrispondenza mibgħuta mid-Direttur Generali tad-Dipartiment li tghid specifikament li kien hemm konflit fl-artikli tal-liġi 31(2) u 25.

*Il-Kunsillier Edward Cuschieri dahal għal laqgħa fis-5.40 ta' filghaxija.*

3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-komunikat tad-Direttur Generali li kienet tghid li l-hatra tal-Vici Sindku hi rregolata permezz ta' Artiklu 25 (2)(b) u mhux artiklu 31(2) tal-Ligi u ghaldaqstant artiklu 31(2) ma ghandux jigi kkunsidrat.

**Il-laqgħa twaqqfet mill-procedimenti taghha fis-5.41 ta' filghaxija fejn id-Direttur Generali kien mistieden jinforma lil Kunsill bil-process li jwassal ghall-hatra tal-Vici-Sindku.**

*Il-Kunsillier Patrick Pace dahal għas-seduta fis-5.55 ta' filghaxija.*

**Is-Seduta tkompliet fis-6.00 ta' filghaxija.**

*Il-Kunsillier Julian Galea dahal għas-seduta fis-6.00 ta' filghaxija.*

3.9 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-Kunsillier C. Engerer jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku.

3.10 Il-Kunsillier Engerer qal li jaccetta il-Kariga ta' Vici Sindku u ghadda lis-Segretajru Ezekuttiv l-ittra tal-accetazzjoni tal-kariga tieghu.

3.11 Is-Sindku qalet li għamlet appuntament mal-*accountant* tal-Kunsill biex tkun taf dwar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill sal-31 ta' Awissu, 2010.

3.12 Is-Sindku tat prezentazzjoni fil-qosor dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. (Doc B anness).

3.13 Is-Sindku qalet li l-Ligi tesigi li l-*Financial Situation Indicator* jkun ta' 10% izda dik ghas-sena finanzjarja kurrenti kien ta 1.1% fl-10 ta' Mejju, 2010.

3.14 Is-Sindku kompliet billi qalet li l-pozizzjoni finanzjarja tal-Kunsill tjiebet ghal 4.88% sal-31 ta' Awissu, 2010 u għalhekk il-bilanċ tal-Kunsill hu b'nuqqas ta' 5.12%, filwaqt li specifikat li l-Kunsill ikollu jħallas l-krédituri kollha l-indikatur finanzjarju jkun minimu ghall-ahhar.

3.15 Is-Sindku fakkret ukoll lill-Kunsilliera prezenti li għad hemm pagamenti li, inkluz dawk relatati mal-proġett tal-*fairy lights* li għad irridu jigu riveduti kif joħroġ ir-rapport mill-IAID.

3.16 Is-Sindku qalet li l-Kunsill jista' jagħmel kambjament fil-qagħda finanzjarja jekk jissieħeb f'proġetti u *agreements* bħal dak mal-Green MT li sal-ġurnata tal-lum kien għadu ma' ġiex iffirmat, kif ukoll fi skemi u *grants* maħruġa mill-Gvern, kif ukoll li l-Kunsill ikollu *business plan* għat-tlett snin li ġejjien.

3.17 Is-Sindku qalet li s-sitwazzjoni finanzjarja tista' tiġi rrimedjata u għalhekk ser titlob biex fis-seduta li jmiss jattendi l-accountant tal-Kunsill biex jispjega il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill aktar fid-dettall.

3.18 Is-Sindku qalet li se ssir laqgħa fis-29 ta' Settembru, 2010 fil-5.30 ta' filghaxija biex jigi diskuss ir-rendikont finanzjarju tal-Kunsill.

3.19 Is-Sindku qalet li l-Kunsill dahal fi spejjez zejda ghall-gbir ta' skart ghax kien qiegħed iħallas is-somma ta' EUR14,751 fix-xahar għal gbir tal-iskart riċiklabbli kif ukoll is-somma ta' EUR21,840 għal gbir ta' skart organiku fix-xahar fuq bażi ta' servizz b'emerġenza.

3.20 Is-Sindku qalet li l-Kunsill Tas-Sliema huwa l-unika kunsill li għadu ma' issieħibx f'wahda mill-iskemi ghar-riciklagg tal-iskart, u fin-nuqqas ta' dan id-Dipartiment ghal Gvern Lokali jista' jieħu passi kontra l-Kunsill.

3.21 Is-Sindku qalet illi kellha diversi laqgħat mal-avukat tal-Kunsill u mas-Sur Joe Attard mill-Green MT dwar il-ftehim ta' koperazzjoni bejn iz-zewg partijiet u dan peress li l-Kunsill kien sa minn Jannar, 2010 li approva li jidhol fi ftehim ma' Green MT.

3.22 Dwar il-gbir tal-iskart organiku, is-Sindku qalet li l-Kunsill qiegħed bi sħab mal-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan f'sejħa għall-offerti ghas-servizz ta' ġbir ta' skart organiku miz-zewg lokalitajiet.

3.23 Dwar il-Green MT is-Sindku tat prezentazzjoni dwar il-vantaġġi li l-Kunsill jibbenefika minnhom jekk jissieħeb mal-Green MT: fosthom li r-residenti jkun moqdija aħjar, is-sidien tal-ħwienet ikunu moqdija aħjar, tnaqqis fil-ġbir ta' skart organiku, il-Green MT jieħu ħsieb il-bring-in-sites, jingħataw boroz griżi bla ħlas lill kull resident, jinbidlu l-bins kollha f'Tas-Sliema, EUR35,000 f'kampanja edukattiva sal-aħħar tal-2011, EUR3,000 għal attivitajiet ambjentali kif ukoll EUR1,000 lill-Assoċjazzjonijiet Slimiżi li jippromovu ġbir ta' skart riċiklabbli.

3.24 Is-Sindku qalet li l-Kunsill se jkun qed jiffranka madwar EUR14,750 fix-xahar, filwaqt li jinghata EUR40 fil-gimgħa f'*administrative fees* mill-Green MT kif ukoll EUR15 għal kull tunnellata ta' skart separat li jingabar iktar mill-kwota fil-kuntratt.

3.25 Il-Kunsillier Y. Cali' qal li ma ssemma xejn dwar xi kontribut finanzjarju ghal il-magazine.

3.26 Is-Sindku qalet li l-Green MT kienu se jikkontribwixxu ghall-magazin.

3.27 Is-Sindku qalet li hi kienet infurmat lill-Kunsilliera kollha sabiex jattendu għal laqgħa mal-Green MT.

3.28 Il-Kunsillier M. Debono qal li hemm varjazzjoni mill-prezz tas-sejħa għal offerti tal-ġbir organiku li kien soltu jhallas il-Kunsill, ~~u l-kuntrattur prezenti ghax bhalissa l-Kunsill qed jopera fuq kuntratt f' emergenza~~.

3.29 Is-Sindku qalet li fis-17 ta' Marzu, 2010, il-Kunsill iddeċieda li l-kollettur tal-iskart riciklabbli ghandu jkun l-istess kuntrattur li jirbaħ is-sejħa għall-offerti tal-gbir tal-iskart organiku. Hi qalet li jkun fl-ahjar interess tal-Kunsill li l-kuntrattur li jigbor l-iskart riċikklabbli jieħu ħsiebu l-Green MT. Qalet li l-Green MT għandu l-interess biex Tas-Sliema tkun nadifa għax il-Kunsill għandu dritt li ma' jgeddidx il-kuntratt fl-aħħar tas-sena 2011.

3.30 Il-Kunsillier M. Debono qal li jekk isir hekk il-Kunsill ma jkollux ~~poter~~ fuq il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart.

3.31 Is-Sindku qalet li fil-każ li l-kuntrattur ma jagħmilx xogħlu sew, il-Kunsill jista' jdur fuq il-Green MT biex jirrimedja.

***Il-Kunsillier Nicolai Gauci ħareġ mis-seduta fis-6.20 ta' filghaxija.***

3.32 Is-Sindku pproponiet biex il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart riciklabbli jigi maghzul mill-Green MT. Il-Viċi-Sindku C. Engerer issekonda. Il-Kunsillera P. Pace, J. Galea, E. Cuschieri u Y. Cali' ivvutaw favur. Il-Kunsilliera M. Aquilina, M. Debono u S. Camilleri astjenew.

3.33 Is-Sindku pproponiet biex il-Kunsill jissieħeb mal-Green MT. Il-Viċi-Sindku C. Engerer issekonda. Il-Kunsillera P. Pace, J. Galea, Edward Cuschieri u Y. Cali' ivvutaw favur. Il-Kunsilliera M. Aquilina, M. Debono u S. Camilleri astjenew.

3.34 Saret diskussjoni dwar proġett ghax-Xatt ta' Qui-Si-Sana.

3.35 Is-Sindku qalet li s-Sindku precedenti kien diġa kiteb ittra fejn wera l-interess tieghu li l-Kunsill ikun involut fil-progett ta' Qui-Si-Sana. Qalet li kien ukoll kiteb lill-MEPA biex jintuzaw il-fondi tal-UIF mill-Kunsill ghal dan il-progett. Is-Sindku qalet li hu qatt ma kien informa lill-Kunsill bl-intenzjoni li jippartecipa f'dan il-progett.

3.36 Is-Sindku qalet li l-progett ta' Qui-Si-Sana kien se jikkonsisti fil-bini mill-gdid ta' Triq Qui-Si-Sana minn kantuniera ma Triq it-Torri sar-*roundabout* il-ġdida fit-tarf l-iehor ta' Qui-Si-Sana.

3.37 Il-Kunsillier M. Debono qal li il-fondi tal-UIF ma għandhomx jintefqu biex tinbena triq iżda biex insebbħu l-ambjent.

3.38 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat illi l-Gvern għandu d-dritt jagħmel użu kif ukoll japplika hu għal dawn il-fondi.

3.39 Is-Sindku qalet li minħabba f'hekk ikun għaqli jekk il-Kunsill jiġi involvut f'dan il-proġett.

3.40 Il-Kunsillier M. Debono qal li l-awtoritajiet dejjem qalu li l-Kunsill qatt ma kellu toroq arterjali.

***Il-Kunsillier Nicolai Gauci daħal lura fis-6.32 ta' filghaxija.***

3.41 Il-Kunsillier M. Debono reġa sostna li kien ikun aħjar jekk il-fondi jintużaw biex jinbena *car park* minnflok triq.

3.42 Is-Sindku qrat korrispondenza mill-MRRA rigward din it-talba.

3.43 Il-Kunsillier M. Debono talab kopja ta' din il-korrispondenza.

3.44 Is-Sindku staqsiet lill-Kunsilliera jekk iridux jiltaqghu l-ghada ma' rappreżentanti tal-MRRA biex jispjegawlhom f'hiex jikkonsisti dan il-progett.

3.45 Il-Kunsillier P. Pace qal li ma setax jattendi għaliex kien se jkun xogħol.

3.46 Il-Kunsilliera S. Camilleri qalet li kellha impenn ieħor.

3.47 Il-Kunsillier M. Debono qal li hu ma jaqbilx li l-flus tal-UIF jintużaw mill-Gvern biex jinbnew toroq għal benefiċċju tal-MIDI u ta' Fort Cambridge.

3.48 Is-Sindku pproponiet biex il-fondi tal-UIF jintuzaw ghal dan il-progett. Il-Vici-Sindku C. Engerer issekonda. Il-Kunsilliera J. Galea, Y. Cali', E. Cuschieri u P. Pace ivvutaw favur. Il-Kunsilliera M. Debono, M. Aquilina, N. Gauci u S. Camilleri ivvutaw kontra.

3.49 Saret diskussjoni dwar progetti li l-Kunsill jista' jaghmel b'fondi minn programmi tal-UE.

3.50 Il-Vici Sindku C. Engerer spejga li se joħorġu applikazzjonijiet ghal progetti iffinanzjati mill-Fond Regjonali ghall-Izvilupp Ewropew (Doc C anness)

3.51 Il-Vici Sindku qal din kienet se tkun opportunita' tajba ghall-Kunsill anke ghaliex kienet se tkun l-ewwel darba li l-Kunsill Tas-Sliema kien se jipproponi progetti li setghu jkunu ffinanzjati minn programmi ta' fondi tal-UE.

3.52 Il-Vici Sindku qal li l-progetti huma kif gej:

3.52.1 Proġett A: tisbiħ tax-Xatt (minn Tigne' Point sal-Waterfront Hotel) li ghandu jsebbah kemm in-naha tal-baħar, kif ukoll il-bankina tan-naħa l-oħra u li ghalih diga saru pjanti minn Transport Malta.

3.52.2 Proġett B: tisbiħ ta' Pjazza Annunzjata u uzu mix-shelter

3.52.3 Proġett C: pjan għall-Immaniġjar tat-Traffiku biex isir studju dwar it-traffiku f' Tas-Sliema, it-tniġġis li jikkawża t-traffiku, xiri ta' apparat li jkejjel it-tniġġis kif ukoll rapport u suġġerimenti għal pjan ġdid tat-traffiku.

3.52.4 Proġett D: Skambji ta' zghazagh mill-kazini tal-banda, Salesjani u *youth centres*.

3.53 Is-Sindku pproponiet biex dawn il-proġetti jiġu approvati. Il-Vici Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

3.54 Is-Sindku ppoponiet li l-laqgħa tigi sospiża biex ir-rappreżentant tal-Perit Muscat jaghti izjed informazzjoni dwar applikazzjoni ghal *tower crane* fi Triq Windsor u biex resident jaghti l-opinjoni tieghu dwar ix-xoghlijiet li ghadhom ma ma sarux fi Triq Sant' Enriku.

***Il-laqgħa ġiet sospiża fis-6.50 fil-ghaxija u tkompliet fis-7.00 ta' filghaxija.***

3.55 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li johrog il-permess għat-*tower crane* ġo Triq Windsor.

3.56 Il-Kunsill qabel li ghandha ssir laqgħa mas-Sur Polidano biex jigu diskussi x-xoghlijiet u l-pagamenti pendenti.

3.57 Is-Sindku fakkret lill-Kunsilliera prezenti li fis-Seduta tal-25 ta' Awwissu l-Kunsill iddecida li jaggudika t-tender favur il-Perit Vassallo izda li dan kellu jinforma lill-Kunsill jekk ghadux interessat fit-*tender* minhabba li ma kienx gedded il-*bid bond.*

3.58 Is-Sindku qalet li l-Perit David Vassallo kiteb lill-Kunsill li aċċetta l-kariga ta' Perit tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.59 Is-Sindku pproponiet li ghandhom johorgu sejħiet għall-offerti ghax-xiri ta' żebgħa, *PL Lamps* u servizz ta' avukat. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.60 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li hemm zewg pagament urgenti li ghadhom ma thallsux minhabba li l-Kunsill ma kienx qed jiltaqa u minhabba li s-seduta precedenti ghada ma ntemmitx biex tkun tista' tibda seduta ohra fejn ikunu jistghu jittelghu l-pagamenti.

3.61 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ewwel pagament ta' EUR4935.53 huwa pagabbli lill-All Care ghall-assigurazzjoni tal-Kunsill. Dan il-pagament ghandu jkun wiehed temporanju sakemm tohrog sejha ghall-offerti. Il-pagament ġie approvat b'mod unanimu.

3.62 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-pagament l-iehor kien ta' EUR152 biex ikun jista' jigi installat is-software tal-accounting system. Il-pagament ġie approvat b'mod unanimu.

3.63 Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li ghandhom jitneħħew tliet *parking bays* minn Triq Dingli ħdejn it-tliet siġriet minhabba l-kongestjoni tat-traffiku.

3.64 Il-Kunsillier P. Pace qal li hemm kaptelli mkissirin fil-konki matul il-promenade u għalhekk hemm bżonn ta' kwotazzjonijiet.

Is-Seduta ntemmet fis-7.17 ta' filghaxija.

**Is-Seduta giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 27 ta' Settembru, 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.**

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Ezekutiv**

Doċk.

882

221

**Mozzjoni ghal-hatra ta' Vici Sindku gdid**

Hekk kif ghandu jigi elett Vici-Sindku gdid fil Kunsil Ta' Tas- Sliema, ahna Kunsilliera hawn taht insemmijha, nipproponu lill-kunsillier Mr. Edward Cuschieri ghal din il-kariga.

Dan ghaliex, fil-fehma taghna, ilu hafna attiv fil-kunsill, kemm bhala volontarju, kif ukoll bhala Kunsillier.

Bil-prezenti, ahna nesprimu lkoll vot kontra il-hatra tal-kunsillier Cyrus Engerer ghal din il-kariga, peress li fil-fehma taghna l-kunsillier Cyrus Engerer, m'ghandux l-esperjenza u maturita biex ikun Vici Sindku.

Ipprezentata illum 09 ta' Settembru 2010:

Martin Debono ______

Marianne Aquilina ______

Nicolai Gauci ______

Nikki Dimech ______

Sandra Camilleri ______

Edward Cushcieri ______